MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru 1065/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**KENNETH CACHIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kenneth Cachia bin Emanuel u Mary nee Barbara mwieled H'Attard fit-02/03/1980 u joqghod 6, Triq is-Santwarju, Sqaq Nru 1, Zabbar. I.D. 130580(M).

Billi gie akkuzat talli fit-22 ta' Marzu, 2009, ghall-habta ta' 11:45p.m. fi Triq tal-Barrani, Tarxien waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FEB678

(1) fi triq regolata b’sinjali ta’ dawl tat-traffiku ta’ vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber.

(2) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma’ vettura JBG 217 u kkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kevin Grech skond kif iccertifikat Dr Rodianne Bonnici M.D. mill-isptar Mater Dei Hospital.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti.

Semghet trattazzjoni

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AGP 1 u nnutat li l-imputat Kenneth Cachia m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ PS 285 Geoffrey Cutajar li fis-Seduta tat-18 ta’ Mejju, 2010, inter alia, qal:

“Nghid illi ghadu kif inqrali l-affidavit tieghi li jinsab a fol 3 tal-process. Jiena nikkonferma l-kontenut ta’ dan l-affidavit u ghandi nzid is-segwenti li minn indagini ulterjuri li ghamilt irrizulta illi in kwantu ghal Gilmore Cachia karta tal-identita numru 38386M irrizultali li dana fid-data tal-incident l-istess Gilmore Cachia lanqas kellu licenzja tas-sewqan. Qed nigi muri d-dokument li jinsab a fol 7 tal-process u nikkonferma dan huwa l-isketch tal-incident li ghamiltu jiena.” (sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Sharon Ophelia Cachia li fis-Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 qalet:

"Nghid illi fid-data tat-28 ta' Marzu 2009 jiena kont qeghda passiggiera gewwa l-vettura li kienet qeghda tigi misjuqa minn Kenneth Cachia liema persuna qed naghrafha bhala l-imputat prezenti fl-Awla li jigi hija. Nghid illi ghal habta ta' xi nofs il-lejl neqes kwart tad-data tat-22 ta' Marzu 2009 ahna konna ghaddejin fit-triq tal-barrani Tarxien, konna gejjin minn Gudja road. Ahna meta wasalna biex min Gudja road nohorgu ghal gewwa Triq tal-Barrani jiena nnutajt illi d-dawl kien ahdar. Nghid hija li kien xufier l-imputat prezenti fl-Awla meta ra illi d-dawl kien ahdar huwa naqas naqra mill-ispeed u mbaghad  huwa hareg ghal gewwa Triq il-Barrani. X'hin kien ser idur il-liwja dahlet karozza ohra ghal go fina. Nghid illi jiena bl-impatt tas-seatbelt soffrejt griehi ta' natura hafifa. Jiena certa li hija l-imputat wara illi kien ra illi d-dawl kien ahdar huwa kien naqqas l-ispeed qabel ma hareg ghal gewwa triq tal-Barrani.

Jiena certa li hija meta ghamel din il-manuvra biex hareg ghal gewwa t-triq tal-Barrani Tarxien id-dawl kien qieghed jimmarka ahdar u zgur ma kienx ahmar u lanqas kien Amber." (sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qalet:

"Nghid fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kont jiena ha nohorgu ahna kien hemm karozzi weqfin li dawn kienu qeghdin jistennew biex ikunu jistghu imorru ghan-naha ta' fuq tat-triq tal-barrani. Nghid li dawn kien hemm xi wahda jew zewg vetturi. Nghid ghalija l-vettura li spiccat habtet maghna kienet hi li harget minn fuq ir-red lights. Nghid jiena meta kien kellimni s-Surgent tal-Pulizija l-isptar ghidtlu l-istess verzjoni li ghidt lil Qorti llum. Nixtieq nghid illi s-sewwieq tal-vettura li spiccat habtet maghna kien jidher li kien fis-sakra. Fil-fatt jiena kont innutajtu li lanqas jiflah jimxi ma kien. Meta beda jitkellem kien qisu qed jaghmel movimenti illi jixxengel. Nghid illi jiena meta kellimt ma' dan ix-xufier kont qeghda vicin tieghu pero' ma

qaghdtx naghti kaz jekk dana kellu riha ta' alcolhol jew le f' halqu.

In kwantu ghal passiggier li kellu x-xufier l-iehor fil-vettura li habtet maghna dana l-passiggier ma kienx hareg mill-karozza wara l-incident u kienet giet ambulanza biex imbaghad inhareg u ttiehed l-isptar." (sottolinjar tal-Qorti)

F'dan l-istadju taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-imputat Kenneth Cachia li fis-Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011 minn jeddu, qal:

"Nghid li fit-22 ta' Marzu, 2009 ghal habta ta' nofs il-lejl neqes kwart jiena kont ghaddej mit-triq tal-Gudja li taghti ghat-triq tal-Barrani. <u>Il-lights kienu hodor x' hin ghaddejt mill-lights. Kif jiena kont qieghed indawwar biex nidritta fit-triq tal-barrani giet karozza. Dina ghaddiet mill-lights u baqghet diehla dritt go fiha. Inzid nghid ukoll fil-karregjata li minnha hareg ix-xufier l-iehor li baqa' diehel go fiha kien hemm karozza wieqfa. Fil-karregjata opposta kien hemm ukoll karozzi weqfin.</u> U nghid illi jiena bhala passiggiera kelli lil ohti Sharon Ophelia Cachia. Nixtieq nghid illi jiena ghal bidu ma kontx innutajt ghax kien mohhni fuq il-kollizzjoni jekk kemm –il darba dan ix-xufier li dahal go fiha kienx fi stat ta' sokor jew le nghid pero' mbaghad il-Pulizija lil dana x-xufier qalulu li jrid jaghmel il-breathalyzer test. Ippruvawh il-breathalyzer test ghal tliet darbiet pero' dana ma bediex jonfoh sew u beda jikkomplejnja u qal li mhux sew li jaghmlu test lilu u lili le. Jiena offrejt illi jekk iridu l-Pulizija jaghmluli t-test. Fil-fatt ghamluhuli u r-rizultat tieghi kien komplentament negattiv." (sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti tirrileva li fis-Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010 Gilmore Cachia qal: "Nghid illi l-Qorti ghadha kemm tatni twissija skond il-ligi li jiena miniex obbligat li nirrispondi ghall-ebda domanda li ser issirli izda jekk naghzel li nixhed dak kollu li nghid jitnizzel bil-miktub u jista' jingieb bhala prova kontra tieghi u nghid jiena naghzel li ma nixhidx ghax jiena nista' ninkrimina ruhi."

Tirrileva wkoll li Kevin Grech qatt ma xehed quddiem din il-Qorti u lanqas ma jidher mill-atti ta' din il-kawza li xehed

quddiem il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

Il-Qorti hi tal-fehma li ezaminati l-provi prodotti, l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Kenneth Cachia ma gewx sufficjentement ippruvati u f'dan ir-rigward taghmel referenza senjatament ghal dawk li xehdu Sharon Ophelia Cachia u l-imputat Kenneth Cachia.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat Kenneth Cachia hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah stante li mhux sufficjentement ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------